

Brussell, 16 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11185/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0071(NLE)

SCH-EVAL 154
SIRIS 94
COMIX 409

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Lulju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10846/18 R-UE	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal- Kroazja bil-ħsieb li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas- Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-Kroazja bil-ħsieb li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Lulju 2018.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-Kroazja bil-ħsieb li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 1(1)(b) u 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-deċiżjoni li tagħti rakkomandazzjoni huwa li jirrakkomanda lill-Kroazja azzjonijiet ta' rimedju biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ta' Schengen tal-kondizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) li twettqet fl-2017. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)1140.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) L-applikazzjonijiet tas-SIS li jużaw l-utenti aħħarin għandhom ħinijiet ta' rispons veloċi, huma faċli jintużaw, u għandhom formoli għar-rappurtar tal-hits ġenerati awtomatikament li jippermettu risposti malajr u effiċjenti. Il-wiri tal-każijiet ta' identità użata ħażin fl-applikazzjoni tal-pulizija MUP huwa ċar u jippermetti lill-utenti aħħarin jiddistingwu b'mod ċar lill-vittma mill-attur tar-reat. Is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Uffiċċju SIRENE fiha biċċa għodda żviluppata sew għall-produzzjoni awtomatika tar-rapporti statistiċi. L-Uffiċċju Sirene jimmonitorja, permezz ta' dashboard, il-kwalità tad-data mdaħħla fis-SIS u jaqdi rwol ewlieni fit-tħarriġ tal-utenti aħħarin.
- (3) Fid-dawl tal-importanza li jkun hemm konformità mal-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari mal-obbligu li jiġi żgurat li tiftixa fil-kopja nazzjonali tas-SIS tipproduċi l-istess riżultat bħal tiftixa fil-bażi ta' data CS-SIS u li jiġu adottati miżuri ta' sigurtà neċessarji, jenħtieġ li tingħata prijorità għall-implimentazzjoni tal-miżuri 1, 2, 3, 4, 5 u 6 ta' hawn taħt.
- (4) Jenħtieġ li din id-deċiżjoni tiġi trażmessa lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li l-Kroazja, hi u timxi mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport ta' evalwazzjoni u tissottomettih lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li l-Kroazja

1. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni MUP għall-utenti aħħarin tal-pulizija, partikolarment biex:
 - (a) jiġi żgurat li jkun possibbli li tfittex persuna permezz tal-kunjom u s-sena tat-twelid biss;
 - (b) jiġi żgurat li jkun possibbli li tfittex għal apparat industrijali permezz ta' parametru ta' tfittxija mandatorju wieħed biss;
 - (c) tiġi implimentata l-funzjonalità tat-tiftix ta' "kwalunkwe isem" ("any name");
 - (d) jiġi żgurat li jkun possibbli li tfittex għal allerti dwar oġġetti b'marki tal-punteġġatura;

- (e) jiġi żgurat li jkun possibbli li tfittex għal allerti dwar vetturi b'numru VIN li ma jkunx standard;
 - (f) jiġi żgurat li l-allerti konnessi dejjem jiġu muriġa lill-utenti aħħarin; u
 - (g) jiġu muriġa marki tas-swaba' u Mandati tal-Arrest Ewropej (EAW) jew tingħata indikazzjoni li teżisti tali data binarja;
2. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni NMBIS biex jiġu muriġa l-links;
 3. tiżgura li l-marki tas-swaba jittellgħu fis-SIS f'konformità mal-istandards tal-kwalità relatati mas-SIS AFIS;
 4. iddaħħal allerti fis-SIS ta' kull vettura misruqa, irrispettivament minn kemm għandha żmien;
 5. tiżgura li d-data kollha miżmuma fil-kopja nazzjonali tkun identika u konsistenti mal-bażi ta' data ċentrali tas-SIS;
 6. tipprevjeni l-użu ta' USB sticks privati fi stazzjonijiet tax-xogħol fl-N.SIS Kroat;
 7. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet SIRENE, partikolarment biex:
 - (a) tikkollegaha mal-N.SIS biex b'hekk isiru possibbli proċessi iktar bil-ħeffa għall-verifika tal-każijiet;
 - (b) jiġi żgurat li l-formoli A u M li jkunu deklin jiġu verifikati fil-konfront tal-bażijiet ta' data nazzjonali;
 - (c) jiġi żgurat li jinholq każ ġdid fil-fluss tax-xogħol għall-allerti kollha Kroati li fuqhom ikun sar hit fi Stat Membru ieħor kif ukoll għall-hits kollha fil-Kroazja dwar allerti barranin sabiex il-formoli rilevanti jkunu jistgħu jinstabu faċilment; u
 - (d) jsir possibbli li jintbagħtu formoli relatati ma' allerti mħassrin;

8. tiżgura li l-Uffiċċju Sirene jeħles ix-xogħol pendenti kollu fil-ħolqien tal-allerti SIS, partikolarment b'rabta mal-allerti nazzjonali li kienu jeżistu qabel ma bdiet topera s-SIS li jikkonċernaw persuni neqsin u persuni soġġetti għal Mandat ta' Arrest Ewropew;
9. ittejjeb il-proċess fl-Uffiċċju Sirene għall-ħolqien tal-allerti għall-arrest billi jitnaqqas l-għadd kbir ta' passi manwali li bħalissa għad hemm bżonn, biex jilqa' kontra d-diskrepanzi u l-iżbalji umani;
10. temenda l-prassi preżenti tal-Uffiċċju SIRENE li biha każ jista' ordinarjament jiġi indirizzat biss minn operatur wieħed tas-SIRENE;
11. tikkunsidra użu ikbar tat-tagħmir u l-apparat mobbli biex is-SIS ikun jista' jiġi kkonsultat fil-post;
12. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni NMBIS tal-fruntiera sabiex il-markaturi ta' twissija jiġu murija fl-ewwel skrin li jkun fih il-lista ta' riżultati potenzjali;
13. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni MUP tal-pulizija biex id-dettalji tal-kuntatt tal-Uffiċċju SIRENE dejjem jintwerew għall-allerti kollha, u biex jiġi żgurat li l-lista ta' riżultati potenzjali tiġi kklassifikata b'mod iktar preċiż biex jiġi evitat li l-utenti aħħarin jiġu żgwidati;
14. tipprovdi lill-utenti aħħarin il-possibbiltà li joħolqu konnessjonijiet bejn il-persuni u l-oġġetti għal kull tip ta' allerta; u
15. temenda l-proċess fil-fruntieri li bih individwi soġġetti għal allerti għal kontrolli diskreti għar-rappurtar immedjat jinżammu pendenti sakemm ma jaslu struzzjonijiet ulterjuri mill-Uffiċċju SIRENE, sabiex jiġi żgurat li n-natura diskreta tal-kontroll ma tiġix kompromessa.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*